**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-28 ta' Gunju, 2001**.

Citazzjoni Numru 1003/01

Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited

Vs.

Rinella Entertainment Limited

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta konvenuta;

Illi il-bilanc tal-prezz dovut ghal-din il-merkanzija jammonta ghal-elf, seba mija u erbgha u disghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,794.19);

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-imsemmija somma ta' elf, seba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,794.19);

Illi ghalkemm interpellata sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan d-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu l67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, dinil-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' elf, seba mija u erbgha u disghin liri Maltin u dsatax il-centezmu (Lml,794.19);

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni a basi tal-artikolu l67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoi tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur